MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 300/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Christopher Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Spiteri talli:

a) f’xi hin matul il-lejl bejn is-17 u t-18 ta' Novembru 2001, f’tal-Pieta`, ikkommetta serq ta’ van tal-ghamla Isuzu bin-numru ta’ registrazzjoni LOG-003, kontenenti diversi kaxxi ta’ ‘Red Bull’ energy drink, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga u valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1000), u li sar ghad-detriment tal-kumpanija ‘Logic Enterprises Ltd’;

b) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

c) fil-perijodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-piena ta’ tmien xhur prigunerija sospizi ghal erba’ snin u ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin rispettivament, ikkommetta dawn ir-reati li ghalihom hemm il-piena ta’ prigunerija;

(d) (flimkien ma' Michael Little John) xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Christopher Spiteri hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 344, 17, 20 u 31 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ tliet (3) snin u rrakkomandat bl-aktar mod qawwi illi jigi moghti dawk l-opportunitajiet kollha biex ikompli fil-progress tieghu kontra l-vizzju tad-droga b'mod partikolari li jattendi programm residenzjali u oltre hekk ghajnuna psikjatrika/psikologika f'dan il-konfront;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Christopher Spiteri pprezentat fit-2 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet ittri (c) u (f) (indikati hawn fuq bl-ittri (a) u (d)) u lliberatu mill-imputazzjoni ittra (e) (hawn fuq indikata bl-ittra (c)) u tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjoni ittra (d) (hawn fuq indikata bl-ittra (b)) u in kwantu kkundannatu ghal tliet snin prigunerija b'dan li ghandha tikkundannah ghal piena iktar baxxa li tirrispekkja c-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jsostni li l-piena nflitta fuqu mhijiex qed tippermettilu jikkombatti l-vizzju tad-droga li kien dak li wasslu biex jikkommetti r-reati kommessi minnu peress illi t-tul taghha ma jippermettilux jibda programm ta’ rijabilitazzjoni. Inoltre l-appellant iqis ruhu zvinturat li r-reati investigati f’dan il-kaz ma tqeghdux ma’ l-imputazzjonijiet li dwarhom inghatat sentenza ohra fis-7 ta’ Frar 2003 fejn ir-reati kienu simili, saru fl-istess perijodu u kienu ta’ l-istess entita` imma f’numru ferm akbar ta’ incidenti. Jghid li l-konsiderazzjonijiet li kienet applikat il-Qorti fis-sentenza tas-7 ta’ Frar 2003 huma l-istess konsiderazzjonijiet li ghandhom japplikaw hawn, u cioe` li bis-sahha tar-riforma ta’ l-appellant kienu gew konkjuzi numru ta’ kazijiet li ma kinux solvuti, konsiderazzjonijiet li l-Ewwel Qorti x’aktarx ma ftakritx meta giet biex tirredigi s-sentenza odjerna.

Issa, in materja ta’ piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Fil-kaz in ezami m’hemm l-ebda dubju li l-piena taqa’ fil-parametri tal-ligi. Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, dik ta’ serq aggravat, il-piena hija ta’ prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba’ snin mizjuda bi grad (ara proviso tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 280 tal-Kap. 9 b’referenza ghall-artikolu 279(b)). Ma’ din il-piena mbaghad irid jizdied minn terz san-nofs taz-zmien tal-piena ghar-reat ta’

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

ricettazzjoni. F'dan il-kaz, peress illi l-valur ta' l-oggetti li l-appellant indahal biex ibiegh jew imexxi kien jeccedi l-Lm1,000 (laptop u oggetti tad-deheb – ara xiehda ta' Haori Kaneko a fol. 66 et seq.) allura l-piena hija ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin skond l-artikolu 279(b) tal-Kap. 9.

Jirrizulta pero` illi b'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, l-appellant gie kkundannat ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin dwar sensiela shiha ta' reati, inkluzi dak ta' serq aggravat, u f'liema proceduri nghata mill-prosekuzzjoni l-beneficcju tar-reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Ir-reati addebitati lilu f'dawk il-proceduri jirrigwardaw il-perijodu ta' Ottubru sa Dicembru 2001. F'dan il-kaz is-serq tal-kaxxi kontenenti r-"red bull" sar fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Novembru 2001 u l-oggetti li l-appellant indahal biex ibiegh jew imexxi kienu nsterqu bejn it-23 u l-25 ta' Novembru 2001. Huwa evidenti li l-appellant ma giex akkuzat b'dawn ir-reati ukoll fil-kaz li dwaru nghatat is-sentenza tal-11 ta' Dicembru 2003 peress illi ma kienx ta lill-ufficjali investigattivi f'dak il-kaz informazzjoni dwar dak li gie addebitat lilu f'dawn il-proceduri. Li kieku l-appellant ghamel hekk, huwa kien ikollu l-beneficcju tar-reat kontinwat. Nonostante cio`, din il-Qorti hi tal-fehma li xorta ghand jibbenefika minn xi temperament fil-piena f'dan il-kaz.

L-appellant qieghed jitlob ukoll illi huwa ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni ta' recidiva. Issa, fil-process hemm zewg kopji tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li fihom hemm diskrepanza. F'dik a fol. 125 sa 128 qieghed jigi dikjarat li dik il-Qorti qed issib lill-appellant (allura imputat) hati taht l-artikoli li jirrigwardaw ir-reat ta' serq aggravat u dak ta' ricettazzjoni, kif ukoll *"c) l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; d) l-artikoli 28A sa 28I tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet"*. Fil-kopja li tinsab a fol.131 sa 134, thallew barra l-artikoli ndikati bil-paragrafi c) u d). Dwar is-sentenzi sospizi, l-Ewwel Qorti stess eskludiet li sejra tapplika xi provvediment fir-rigward il-ksur taghhom. Fir-rigward ta' l-addebitu tar-recidiva, pero`, hija qalet hekk: *"Rat anke il-verbal tad-difiza fejn ezentat lill-prosekuzzjoni*

*milli ttella' prova ta' identita` dwar sentenzi esebiti kontra Christopher Spiteri (a fol. 64) u dan nonostante ghal fatt li fil-fatt ma giet esebita l-ebda sentenza u l-unika vera referenza ghal dawn is-sentenzi tinsab fl-elenku ta' dak gudikat kontra Christopher Spiteri fil-pre-sentencing report (a fol. 91 – 92)".* Nonostante li hemm zewg verzjonijiet tas-sentenza appellata, minn dan li qalet l-Ewwel Qorti jidher li l-verzjoni korretta hija l-ewwel wahda – dik a fol. 125 sa 128. Difatti l-kliem testwali tal-verbal li sar fl-20 ta' Awissu 2002 huwa dan: *"Id-difiza ta' Christopher Spiteri qeghda tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' l-prova ta' recidiva stante illi kull sentenza illi tista' tigi esebita fil-konfront tal-imputat Spiteri, tinkolpa lilu."* Apparti hekk, fl-istess seduta l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, inkluza dik ta' recidiva. Ghalhekk it-talba ta' l-appellant sabiex jigi lliberat minn tali imputazzjoni ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tiriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet (c) (hawn fuq indikata bl-ittra (a), dik ta' serq aggravat), (d) (hawn fuq indikata bl-ittra (b), dik ta' recidiva) u (f) (hawn fuq indikata bl-ittra (d), dik ta' ricettazzjoni), u in kwantu lliberatu mill-imputazzjoni (e) (hawn fuq indikata bl-ittra (c)), tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi l-ghajnuna mehtiega lill-appellant biex jibda minnufih programm residenzjali minhabba l-problema ta' l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------